minn **Noel d'Anastas** *noeldana@onvol.net*

# M3P - The Malta Music Memory Project



## Qafas li fuqu tista' tinħadem strateġija nazzjonali għaż-żamma u l-ħarsien tal-mużika Maltija

Bħala parti mill-avveniment ta' dak imsejjaħ 'Lejl Imdawwal' li se jsir nhar is-Sibt 25 ta' Settembru fil-Belt, se jiġi varat il-proġett interessanti biex titħares u tinżamm il-memorja mużikali Maltija.

Dan huwa proġett ambizzjuż li f'xibka waħda se jgħaqqad il-bosta ġeneri tal-mużika Maltija biex din titgawda fil-futur. L-inawgurazzjoni se ssir b'simposju fiċ-Ċentru tal-Kreattività tal-Kavallier San Ġakbu fis-2 p.m. Filgħaxija se jkun hemm bosta avvenimenti fosthom kunċert kbir minn diversi *bands* lokali.

Dwar dan il-proġett, tkellimt ma' Dr Toni Sant li huwa *lecturer* fil-Performance & Creative Technologies fl-Università ta' Hull fl-Ingilterra. Lil Toni Sant ili nafu mit-tmeninijiet, attiv fix-xenarju *rock* kif ukoll fuq il-mezzi tax-xandir u pijunier tal-internet f'Malta. Jabbina dawn l-elementi kollha fil-proġett biex titħaddem strateġija nazzjonali biex ma tkomplix tintilef il-memorja tal-mużika Maltija. Toni Sant jitkellem...

**M3P se jkun proġett tal-memorja tal-mużika Maltija. X'kienet l-idea wara dan il-proġett u kemm ilek toholmu?**

F'Malta m'għandniex arkivju komprensiv tal-mużika. Anqas m'għandna arkivji tax-xandir Malti, anke jekk sar xi progress f'dan il-qasam fl-aħħar snin. Jiena ili snin twal inhoss dan in-nuqqas kbir u kien għalhekk li ddeċidejt li niddedika ħini u ħafna minn dak li tgħallimt barra minn Malta mill-1994 'l hawn biex tissawwar forma ta' strateġija holistika li tindirizza dan in-nuqqas fil-qasam tal-wirt kulturali tagħna.

Fil-verità ilni nfassal dan li issa bdejna nsejħu l-M3P sa mill-2005 meta bdejt nipproduċi sensiela ta' poddati (xandiriet fuq l-internet) bl-isem ta' 'Mużika Mod Ieħor' fuq *www.ToniSant.com*. F'din is-sensiela jiena kull ġimgħa niġbor tagħrif dwar materjal li nsib fuq l-internet dwar il-mużika Maltija ta' dan iż-żmien, imma spiss ukoll nil-taqa' ma' xi affarijiet li huma wkoll ta' żminijiet oħra.

**X'se jkun jiġbor fih dan il-proġett ambizzjuż? Hija biss mużika kontemporanja *rock* u popolari jew se jħaddan ġeneri oħra u ta' żminijiet differenti?**

L-idea hija li ninkludu kollox. M'hemm assolutament xejn li mhux loku fl-M3P. Kull żmien, kull ġeneru, kull stil, kull livell ta' kompetenza…dan proġett kompletament inklużiv.

**Fin-nuqqas ta' leġislazzjoni għaż-żamma ta' materjal awdjoviżiv u *media* oħra fit-teknoloġija tal-internet, intilef ħafna mill-memorja mużikali u dak li għamel ix-xenarju tagħna. X'tikkumenta dwar dan?**

Hi ħasra kbira li ntilef tant materjal diġà. Hi ħasra akbar li l-materjal għadu qed jintilef kuljum! It-tama tiegħi hija li permezz ta' dan il-proġett M3P mhux biss se jintilef anqas materjal imma anke se jkun hemm qafas li fuqu tista' tinħadem strateġija nazzjonali biex kemm jista' jkun jintilef mill-anqas fis-snin, deċennji, u sekli li ġejjin.

**Fl-M3P wieħed issib *database* u xibka estensiva dwar il-mużika Maltija kontemporanja. Hu mużew virtwali u informattiv. X'sar s'issa fuq din is-sit?**

Għadna nibdew. Anzi kważi tista' tgħid li għadna rridu nibdew! S'issa kulma sar huwa li stallajna l-wiki li fuqu se nibnu x-xogħol ta' dan il-proġett. Mill-aspett tekniku dan huwa biss l-ewwel pass. Hemm bżonn ħafna ħsieb u xogħol biex inkunu ċerti li qed nibnu xi ħaġa li ma tiskadix wara ftit tas-snin. Biex isir dan, diġà hemm imsieħeb f'dan il-proġett id-dipartiment tal-Inġinerija tal-telekomunikazzjoni u l-kompjuters fl-Università ta' Malta, fejn il-pjanijiet ta' riċerka teknika mmexxija mill-Inġ. Dr Saviour Zammit huma strumentali għal dan l-għan.

Fuq il-wiki hemm l-ewwel tagħrif bażiku dwar il-proġett, kif ukoll bdejna niġbru l-ewwel materjal min-nies involuti direttament fil-proġett. L-iskop tal-inawgurazzjoni ta' nhar is-Sibt li ġej waqt in-Notte Bianca hu proprju biex aktar nies isiru jafu b'M3P u jsiru jafu kif jistgħu jikkontribwixxu għal dan il-proġett kollaborattiv. Apparti hekk, din mhix xi ħaġa ta' x'sar s'issa, imma x'għad irid isir huwa l-qofol ta' dan il-proġett, tal-anqas għall-ewwel snin tiegħu.

**Min se jikkoordinah u x'se jkunu x-xogħol u l-ispejjeż involuti fih?**

Ix-xogħol hu kkoordinat minni flimkien ma' diversi kollaboraturi oħra li jinkludu studenti tiegħi, uħud minnhom Maltin, fl-Università ta' Hull fl-Ingilterra, kif ukoll kollegi fl-Università ta' Malta li apparti Dr Zammit, jinkludu ukoll lil Dr Albert Bell mid-dipartiment tal-istudji dwar iż-Żgħażagħ u l-Komunità.

Bħala spejjeż s'issa għandna l-appoġġ tal-Università ta' Hull u l-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura (permezz tal-*Malta Arts Fund*) kif ukoll il-programm tal-Kultura tal-Unjoni Ewropea. Appoġġ ieħor ġej mill-kumpanija MT Media Productions Ltd, li toffri assistenza teknika bażika, iżda kif semmejtlek hemm ukoll pjanijiet biex l-aspett tekniku tkun involuta aktar bis-sħiħ fih l-Università ta' Malta fil-futur qarib ħafna. Dan punt importanti għax l-Università ta' Malta ilha teżisti sa mill-1592 u ovvjament jagħmel sens nassumu li ser ikollha ħajja itwal minn kumpanija privata żgħira.

**Dan il-proġett se jerġa' jqajjem ħafna nostalġija u kuxjenza nazzjonali. X'għajnuna qed issib minn diversi istituzzjonijiet (bħal DOI, Arkivju Nazzjonali, Biblijoteka Nazzjonali, l-Arkivji tax-Xandir Nazzjonali, ġurnali eċċ) u individwi li għandhom ġabriet estensivi ta' ritratti, filmati, artikli u dak kollu li jirrekordja l-memorja mużikali Maltija?**

Dan mhux proġett għan-nostalġija imma ċertissimu li n-nostalġija mhix se tonqos, anzi, aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar se jkun hemm elementi nostalġiċi għal żminijiet oħra meta l-affarijiet kienu differenti milli huma issa.

It-tama tiegħi hija li dawn l-entitajiet kollha li semmejt inti, kif ukoll entitajiet oħra kbar u żgħar, kif ukoll kollezzjonisti privati, jaraw li permezz tal-M3P hemm mod kif jista' jinġabar u jingħata aċċess għal dan il-wirt kulturali li huwa dritt tal-ġenerazzjonijiet futuri li jsibuh għax inkunu ħallejnieh warajna aħna. Interess hemm. Rieda hemm ukoll. Li jonqos hi strateġija konkreta mibnija fuq għarfien professjonali ta' kif isir dan it-tip ta' xogħol.

**L-M3P se jkun varat nhar is-Sibt b'simposju, *workshop* u kunċert. Dan se jkun il-bidu ta' studju aktar mirqum li tant għandna bżonnu. X'hemm ippjanat f'moħħok għax-xhur li ġejjin?**

Mill-attivitajiet tal-ġimgħa d-dieħla qed nittamaw li niġġeneraw biżżejjed interess biex ikun hemm grupp sostanzjali ta' nies li qed jikkontribwixxu materjal biex jinqasam ma' ħaddieħor. Minn dak li rajna diġà fl-aħħar xhur fuq il-*Facebook*, jidher li dan m'għandux ikun diffiċli wisq.

Wara li jibda dieħel il-materjal fid-*database*, ix-xogħol ta' riċerka u mmaniġġar tal-informazzjoni se jieħu żvolta akkademika. Diġà għandna student postgradwat Malti li se jagħmel id-dottorat tiegħu fl-Università ta' Hull dwar dan il-proġett. Qed nittamaw li jkun hemm oħrajn sas-sena d-dieħla, u d-diversi skemi t'appoġġ finanzjarju li joffri l-Gvern jagħtu lok għal aktar applikazzjonijiet ta' studju fuq livell postgradwat fl-Università ta' Hull dwar hekk. It-tama tiegħi hija li sew il-pubbliku u sew il-Gvern Malti jagħrfu kemm hu kruċjali dan it-tip ta' xogħol fuq il-wirt kulturali tagħna, u jappoġġjawh b'kull mod li jistgħu.

Intant, flimkien mal-kollaboraturi tagħna fl-Università ta' Malta se nfasslu konferenza lejn tmiem ir-rebbiegħa li ġejja. Din il-konferenza diġà għandha l-appoġġ finanzjarju tal-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura permezz tal-*Malta Arts Fund*, u l-għan huwa li nkunu nistgħu nippreżentaw analiżi tax-xogħol li jkun sar fuq l-M3P matul l-ewwel sena tal-proġett, qabel ma tkun għaddiet l-ewwel sena. Fl-istess waqt se nkunu qegħdin nevalwaw f'riċerka li hemm bżonn issir mill-aspetti tekniċi, kulturali, soċjoloġiċi, ekonomiċi, loġistiċi, politiċi, u l-bqija.

**Xi proġetti simili hemm li wieħed jista' jikkoordina l-M3P magħhom f'xenarju globali?**

Hemm diversi opportunitajiet f'dan il-qasam. Minħabba ċ-ċokon tagħha, Malta għadha ftit lura f'dan il-qasam, imma minħabba ċ-ċokon tagħha wkoll hija f'pożizzjoni li tlaħħaq ma' proġetti kbar bħal dawn li nsibu fl-Istati Uniti kif ukoll fl-Ewropa, mingħajr dewmien kbir.

Jiena ma nħobbx noqgħod nitkellem fl-arja, iżda nista' ngħidlek li huwa ppjanat li nsibu kollaboraturi oħra barra minn Malta għal dan il-proġett kif ukoll li nissieħbu ma' entitajiet oħra stabbiliti.

**Il-ktieb il-ġdid tiegħek li qiegħed għall-istampa huwa l-mera tal-M3P bħala żżamma tal-memorja għat-tfassil tal-futur? X'jittratta dan?**

Il-ktieb jismu *Franklin Furnace & the Spirit of the Avant-Garde: A History of the Future*. Se jkun ippubblikat mill-'Intellect' tal-Ingilterra f'kollaborazzjoni mal-University of Chicago Press, u se joħroġ f'Novembru li ġej. Dan il-ktieb m'għandux x'jaqsam direttament mal-M3P imma fih hemm elementi li jorbtu sew mal-preservazzjoni tat-tip ta' materjal li qed nippjanaw li nsalvaw permezz tal-M3P. Hemm differenza enormi bejn l-arti kontemporanja fi New York, li dwarha jittratta l-ktieb u l-oqsma kulturali Maltin. Litteralment hemm baħar jaqsam! Fl-istess waqt, jiena dejjem affaxxinajt ruħi mill-fatt li dan il-pajjiż tagħna huwa mogħni b'tant talent u storja għad-daqs tiegħu. Huwa tajjeb li nitgħallmu minn min għandu ferm aktar riżorsi milli nsibu f'dan il-pajjiż biex insaħħu l-wirt kulturali tal-gżejjer Maltin.

Ma rridx nagħti l-impressjoni li l-ktieb għandu x'jaqsam direttament mal-M3P. Ftit minn dawk li se jaqrawh se jaraw jew isibu l-konnessjonijiet li qed nara jien bejn dak li rriċerkajt dwaru fi New York, dak li ktibt fl-Ingilterra fl-aħħar snin, u dak li issa qed nipprova nagħmel f'Malta. Madankollu, għalija xorta waħda dan li qed nagħmel issa bl-M3P huwa kontinwazzjoni naturali tar-riċerka tiegħi fuq l-arti kontemporanja fi New York u l-ħidma tiegħi fir-Renju Unit.